MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 646/1998/1

**Ahmed Atwa Hassan.**

**vs**

**1. Joanna Camilleri;**
**2. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**u**
**3. Joanna Camilleri giet nominata b'digriet tas-27 ta' April 1998 bhala kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta lill-minuri Nadia Camilleri; u b'digriet ta' l-24 ta' April 1999 l-Avukat Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minorenni Nadia Camilleri u b'digriet tat-3 ta' Mejju 1999 l-kuraturi deputati l-Avukat Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew estromessi mill-kawza.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta Joanna Camilleri fir-regjun ta' Bab Ben Ghasri fil-Libja fit-tlieta (3) ta' Settembru 1996 permezz ta' zwieg islamiku u dan kif jirrizulta mic-certifikat rilaxxat mill-awtoritajiet kompetenti fil-Libja u li kopja tieghu hi hawn anness bhala Dok. "A".

Illi l-konvenuta Joanna Camilleri talbet u ottjeniet id-divorzju mill-attur mill-Qorti tal-Libja fit-tlieta (3) ta' Gunju 1997 u dan kif jirrizulta minn sentenza rilaxxjata mill-awtoritajiet kompetenti fil-Libja u li kopja taghha hi hawn anness bhala Dok. "B".

Illi fis-6 ta' Jannar 1998 twieldet lill-konvenuta Joanna Camilleri t-tifla Nadia fl-isptar Capua Palace, Sliema, u liema twelid gie registrat fir-registru Pubbliku mill-konvenut id-Direttur tar-Ragistru Pubbliku bin-numru progressiv iskrizzjoni 464/1998 (Dok. "C").

Illi fil-perjodu shih ta' tliet mitt (300) jum qabel it-twelid tat-trabija l-attur la kien nieqes minn dawn il-Gzejjer u lanqas ma kien legalment separat minn martu l-konvenuta Joanna Camilleri.

Illi ghalhekk f'din ir-registrazzjoni Dok. "C" hemm zball fis-sens illi l-missier it-tarbija gie erronjament deskritt bhala *"unknown father"* mentri fil-fatt u fid-dritt l-attur kellu jigi ndikat bhala l-missier it-tarbija u dan a tenur ta' l-**artikolu 280 tal-Kodici Civili.**

Illi jidher li din ir-registrazzjoni saret b'dan il-mod minhabba f'dikjarazzjoni falza li ghamlet il-konvenuta Joanna Camilleri lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta.
Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara li c-certifikat tat-twelid tat-tifla minuri Nadia li jgib in-numru progressiv inskrizzjoni 464/1998 (Dok. "C") jezistu zbalji fis-sens illi l-missier it-tarbija ma kellux jigi

ndikat bhala *“unkwown father”*, izda bhala missier it-tarbija kellu jigi ndikat l-attur.

(2) Tordna l-korrezzjoni opportuna tac-certifikat tat-twelid Dok. “C” billi fil-parti tac-certifikat li taghti taghrif dwar “Missier u Omm it-tarbija”, u precizament fil-kolonna intestata “Isem u Kunjom”, il-kliem *“unknown father”* jigu kkancellati u jigu sostitwiti bl-isem u kunjom ta’ l-attur u cjoe’ bl-isem u l-kunjom “Ahmed Atwa Hassan”, u kif ukoll illi fl-istess parti tac-certifikat jigu mdahhla l-konnotati l-ohra ta’ missier it-tarbija u dan bil-mod segwenti: fil-kolonna intestata “Professjoni, sengha jew stat iehor” tidhol il-kelma “*businessman”;* fil-kolonna intestata “Eta`” tidhol l-eta` ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena; fil-kolonna intestata “Fejn Twieldu”, jidhol il-post “Sakhna, Syria” fil-waqt li fil-kolonna “Fejn Joqghodu” jidhol il-post “Safi”; u fil-kolonna “Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet” jidhlu l-isem u l-kunjom *“Atwa Hassan (dead)”;*

(3) Konsegwentement tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tat-tifla minorenni Nadia (Dok. “A”) jaghmel il-korezzjonijiet opportuni li huma msemmija taht it-tieni talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 2 tal-process u l-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol. 9 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 24 ta’ April 1998 u d-Digriet datat 27 ta’ April 1998.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Regitru Pubbliku datata 7 ta’ Settembru 1998 fejn ecceppixxa li:_

(1) Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti allegati u jirrimetti ruhhu ghall-provi migjuba salv li jkunu fl-ahjar u soddisfacenti skond il-ligi.

(2) Illi huwa m’ghandux ibati spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut a fol. 14 A tal-process.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Joanna Camilleri *proprio et nomine* datata 11 ta’ Settembru 1998 a fol. 16 A tal-process fejn eccepiet li:-
(1) Preliminarjament l-attur ghandu jipproduci d-dokumenti mehtiega li juru li ghandu il-permessi rrewiziti mill-ligi biex jghix f’Malta kif ukoll ghandu jiggustifika kif seta’ jikkwalifika ghall-Ghajnuna Legali f’kaz li m’ghandux il-permessi mehtiega.

(2) Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-Att tat-Twelid tat-tifla minorenni Nadia Camilleri li hu l-mertu tal-kawza odjerna huwa regolari u m’ghandux jigi korrett kif mitlub mill-attur *stante* li ma hemmx il-kweziti mill-ligi u senjatament mill-**artikolu 280 tal-Kap Sittax (16) tal-Ligijiet ta’ Malta (Ed. Riv. 1984)** sabiex l-isem u l-kunjom ta’ l-attur jigu inseriti fil-kolonni appositi tac-certifikat tat-twelid u stante li l-eccipjenti ma ghamlet ebda dikjarazzjoni falza kif qed jigi allegat.

(3) Illi wiehed mill-kweziti ta’ l-artikolu imsemmi hu li jrid ikun hemm zwieg bejn il-partijiet. Illi l-attur fiz-zmien tar-registrazzjoni tat-twelid tat-tarbija ma kienx mizzewweg lill-konvenuta *stante* li z-zwieg taghhom fil-Libja kien zwieg li kellu potenzjal poligamu u li ghalhekk imur kontra l-principji ta’ *“public policy”* kif imfissra fil-gurisprudenza konstanti tal-Qrati Maltin kif ukoll, u ghall-istess raguni, kien null peress li l-konvenuta ma kenitx kapaci skond il-*“lex domicilii”* taghha sabiex tidhol ghal zwieg simili.

(4) Illi lanqas ma gie registrat iz-zwieg allegat fir-Registru Pubbliku f’Malta, anzi t-talba ghar-registrazzjoni kien rifjutat mill-awtoritajiet kompetenti kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

(5) Illi sussidjarjament, u bla pregudizzju, il-konvenuta kienet ottjeniet divorzju mill-Libja f’data ferm antecedenti minn dik imsemmija fic-citazzjoni, u cjoe’, f’Ottubru elf, disa’ mija u sitta u disghin (1996) u mhux fit-3 ta’ Gunju 1997, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni (Dok. “A”).

(6) Illi sussidjarjament ukoll u bla pregudizzju ghexu separati bhala divorzjati tul il-perjodu ta' tliet mitt (300) gurnata qabel it-twelid tat-tarbija kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

(7) Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuta fil-kwalita' taghha premessa u l-lista ta' xhieda u l-elenku ta' dokumenti esebiti minn fol. 18 sa fol. 22 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru 1998 fejn l-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni w inghata digriet ta' affidavits.

Rat in-nota ta' l-attur datata 2 ta' Frar 1999 fejn esebixxa l-affidavit tieghu datat 2 ta' Frar 1999 a fol. 43 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 1999 fejn l-konvenuta talbet ir-revoka tad-digriet tal-24 ta' April 1998 u b'Digriet taghha datat 3 ta' Mejju 1999 l-istess Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba.

Rat il-verbali tas-seduta tas-16 ta' Gunju 1999 fejn sar il-kontro-ezami ta' l-attur; il-verbali tas-seduta tat-23 ta' Frar 2000; tas-seduti tal-5 ta' Mejju 2000; u 6 ta' Ottubru 2000.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti kif presjeduta datati 15 ta' Novembru 2000, 24 ta' Mejju 2001, 17 ta' Ottubru 2001 u 6 ta' Dicemru 2001.

Rat ix-xhieda quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia nkluza dik tal-konvenuta datata 12 ta' Frar 2001; 23 ta' April 2001, 16 ta' Novembru 2001, 29 ta' Novembru 2001 u 7 ta' Dicembru 2001.

Rat l-affidavit ta' l-attrici datat 8 ta' Ottubru 2001.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li fic-certifikat tal-minuri Nadia Camilleri numru 464/1998 hemm zball fis-sens li huwa skond l-**artikolu 280 tal-Kap 16** kellu jigi ndikat bhala l-missier ta’ l-istess tarbija *stante* li fiz-zmien tliet mitt (300) gurnata qabel it-tweld ta’ l-istess tarbija huwa kien fil-fatt Malta, u wkoll ma kienx legalment separat mill-istess attrici, li qed isostni li kienet martu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur li huwa ta’ nazzjonalita’ Sirjani u l-konvenuta li kienet Maltija, kienu ltaqghu gimgha qabel ma’ l-istess attur gie deportat minn Malta, u meta kien arrestat kien ikkonvinca lill-konvenuta li jiccelebraw iz-zwieg fil-Libja sabiex huwa jkun jista’ jigi joqghod Malta. Fil-fatt sar zwieg fil-Libja skond il-ligi musulmana fit-3 ta’ Settembru 1996 (Dok. “B”) anness mac-citazzjoni attrici, wara li gie dikjarat li l-attrici kienet qalbet ghar-religjon mussulmana, haga li l-konvenuta tikkontesta *stante* li qalet li ma tafx il-lingwa gharbija, u kollox kien preparat mill-attur, ghall-iskopijiet tieghu.

Illi jirrizulta li ghalkemm l-attur sussegwentement gie Malta, l-istess attur u l-konvenuta qatt ma ghexu flimkien u wara l-istess attur kiseb id-divorzju skond l-istess ligi musulmana bit-“talaq” datata 28 ta’ Novembru 1996 (fol. 22), fil-waqt li l-konvenuta, peress li tali divorzju ma kienx gie rikonoxxut mid-Direttur tar-Registru Pubbliku f’Malta, akkwistat id-divorzju mill-attur fuq il-bazi li l-attur ma kienx ghex maghha, fit-3 ta’ Gunju 1997.

Illi mix-xhieda ta’ Fouad Hassanin Youssef Tayel jirrizulta li huwa ghex mal-konvenuta ghal sena u nofs qabel ma twieldet l-istess tarbija u qed jghid ukoll li huwa zzewweg lill-konvenuta tlett ijiem qabel it-twelid ta’ l-istess tarbija, u dan fit-2 ta’ Jannar 1998; jsostni li huwa l-missier ta’ l-istess tarbija u Sylvia Borg, oht il-konvenuta sostniet li l-attur qatt ma ghex ma’ l-attrici, tant li meta gie Malta huwa mar jghix ghal rasu fi *flat* f’Bugibba, u allura huwa fil-fatt

jaf li l-istess tifla minuri ma hijiex tieghu, tant li qal li ma jridx li jigi ndikat b’xi mod li huwa l-missier ta’ l-istess tarbija.

Illi mix-xhieda ta’ l-attur jirrizulta li l-ebda wahda minn dawn il-fatti ma gew kkontestati, u li certament ma jirrizultax lanqas mix-xhieda tieghu li huwa qatt ghex mal-konvenuta bhala mizzewga, u lanqas li kellu xi relazzjoni mal-istess konvenuta li minnha jista’ jinghad li l-istess minuri hija bintu. Huwa biss ghamel affidavit fejn insista li ladarba huwa kien izzewweg lill-konvenuta l-Libja fit-3 ta' Settembru 1996, u la darba d-divorzju bit-*‘talaq’* tat-3 ta’ Gunju 1997 ma giex registrat hawn Malta, mela allura la darba kien Malta fil-perjodu ta’ tliet mitt (300) jum qabel it-twelid ta’ l-istess minuri, u ladarba huwa ma kienx legalment separat mill-istess konvenuta, mela allura skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 280** huwa kellu jigi registrat bhala missier it-tarbija li twieldet mill-konvenuta fis-6 ta’ Jannar 1998.

Illi mela jidher car li l-azzjoni attrici hija biss bbazata fuq il-kwistjoni ta’ kif gie registrat l-istess twelid tat-tarbija mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u allura din ma hijiex azzjoni sabiex tigi stabbilita l-paternita’ ta’ l-istess minuri; *in verita’* mill-provi prodotti ladarba mhux kontestat li l-attur qatt ma ghex ma’ l-attrici, u fil-fatt l-istess attur qatt ma allega li fil-perjodu relevanti huwa kellu xi relazzjoni intima ma’ l-istess konvenuta, certament ma jirrizultax li l-attur jista’ jkun xi darba l-missier ta’ l-istess tarbija, anke ghaliex jidher mhux biss li l-attur u l-konvenuta qatt ma ghexu flimkien, izda wkoll li ghal sena u nofs qabel it-twelid ta’ l-istess tarbija l-konvenuta kienet qed tghix ma’ Fouad Hssanin Youssef, li anke jghid li zzewweg lill-konvenuta fit-2 ta’ Jannar 1998, wara li l-konvenuta ddivorzjat lill-attur permezz ta’ decizjoni tal-3 ta’ Gunju 1997 (Dok. “B” – a fol. 4 tal-process).

Illi mela bazikament l-istess attur qed isostni li la draba huwa zzewweg lill-konvenuta bil-ligi musulmana fil-Libja, u ladarba l-procedura tat-*‘talaq’* datata tat-28 ta’ Novembru 1996 (fol. 22) ma gietx registrata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, huwa ghalhekk skond il-ligi Maltija fid-data tat-

twelid tal-istess tarbija kien ghadu r-ragel tal-konvenuta, u allura kellu jigi registrat bhala tali u konsegwentement bhala l-missier ta' l-istess tarbija mill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 280 tal-Kap 16.**

Illi l-**artikolu 280 tal-Kap 16** jipprovdi li :-

*"(1) Jekk it-trabija titwieled minn mara mizzewga, isem zewgha ghandu jitnizzel fl-att bhala dak tal-missier, ghad illi jkun hemm dikjarazzjoni kuntrarja, bla hsara ta' kull korrezzjoni li tista' ssir 'il quddiem wara sentenza fuq il-filjazzjoni tat-tarbija".*

*"(2) Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jghoddux –*

*(a)jekk ir-ragel, fiz-zmien kollu tat-tliet mitt (300) gurnata ta' qabel il-gurnata tat-twelid tat-tarbija, kien nieqes minn Malta, u din l-assenza hija mwettqa bil-miktub u bil-gurament quddiem wiehed mill-Vizitaturi ta' l-atti notarili, minn, ghall-anqas, zewg persuni ta' fiducja; jew*

*(b)jekk ir-ragel, ghaz-zmien kollu hawn fuq imsemmi, ikun ghex mifrud legalment minn martu".*

Illi mela sabiex jigri dan u li jippretendi li ghandu jsir mill-attur fil-kawza odjerna, l-ewwel kwezit huwa li t-tarbija tkun twieldet minn mara mizzewga; ovvjament li dan ifisser li skond il-ligi Maltija u ghal dak li jirrigwarda d-Direttur tar-Registru Pubbliku, jrid ikun hemm zwieg validu li jkun debitament registrat skond id-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 237 tal-Kap 16,** li jipprovdi li:-

*"L-atti taz-zwieg ghandhom jinkitbu u jigu ffirmati kif provdut fl-artikolu 293".*

Illi in effetti skond l-**artikolu 293 u 294 tal-Kap 16** hemm provdut il-passi li l-istess konjugi ghandhom jiehdu sabiex l-istess att taz-zwieg jigi debitament registrat, u l-formuli li ghandhom jintlew ghall-istess skop, bil-konsenja ta' l-att lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi l-importanza tal-istess registrazzjoni ma tistax tigi minimizzata, anzi r-registrazzjoni tal-istess hija vitali ghall-istatus legali ta' kull persuna u fil-kaz taz-zwieg dan huwa enfasizzat bid-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 12 (3) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi li:-

*"Zwieg ma jkollux effett ghal kull ghan tal-ligi u sakemm l-att taz-zwieg xieraq ma jkunx kompletat u konsenjat ghar-registrazzjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 293 u 294 tal-Kodici Civili".*

Illi ghalhekk tenut kont ta' dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi, ladarba ma jirrizultax mill-provi li l-allegat zwieg bejn l-konvenuta u l-attur, qatt ma gie registrat *ai termini* ta' l-artikoli *ad hoc* fuq riferiti ghar-registrazzjoni tal-istess stat, ma hemm l-ebda dubju u konsegwentement isegwi li abbazi tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 280 tal-Kap 16** citat mill-attur bhala l-bazi ta' l-azzjoni tieghu, l-konvenuta ma tistax titqies bhala *"mara mizzewga' stante* li mir-registru mizmum mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, imkien ma jirrizulta li l-istess konvenuta gie registrat iz-zwieg taghha, u ma jidhirx li kien sar xi tentattiv mill-attur sabiex tali allegat zwieg jigi registrat.

Illi ladarba skond id-dispozizzjonijiet ta' l-istess **Kap 16** l-ebda zwieg bejn l-attur u l-konvenuta ma gie registrat, mela allura l-istess konvenuta fil-mument tat-twelid tat-tarbija ma tistax titqies ghall-fini ta' l-**artikolu 280 tal-Kap 16** bhala *"mara mizzewga"* u ghalhekk l-attur ma jistax jiehu vantagg minn dak hemm dispost fl-istess artikolu, kif attwalment qed jigi mitlub minnu fil-kawza odjerna, *stante* li dan l-istatus ta' l-istess konvenuta, u kwindi tieghu, ma jirrizultax debitament registrat u rikonoxxut mir-Registru Pubbliku, u ghalhekk it-talba attrici ghal din ir-raguni ma tistax tigi milqugha.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' t-tieni u r-raba' eccezzjoni tal-konvenuta Joanna Camilleri f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri Nadia Camilleri, u filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess eccezzjoni ma hijiex kontrastanti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------